

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/210

tat-12 ta' Frar 2016

dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien FEŻ) għas-sena finanzjarja 2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-raba' Konvenzjoni ACP-KEE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989 ⁽¹⁾ u emendata bil-Ftehim iffirmat fil-Mawrizju fl-4 ta' Novembru 1995 ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-għajnuna Komunitarja taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-Raba' Konvenzjoni ACP-KE ⁽³⁾ ("il-Ftehim Intern") li jstabbilixxi, fost oħrajn, it-tmien Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien FEŻ), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-koperazzjoni fil-finanzjament tal-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 66 sa 74 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tat-tmien FEŻ kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) li jikkonċernaw is-sena finanzjarja 2014, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jinsabu f'dak ir-Rapport Annwali ⁽⁵⁾,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 33(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tat-tmien FEŻ għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
- (2) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tat-tmien FEŻ matul is-sena finanzjarja 2014 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-tmien FEŻ għas-sena finanzjarja 2014.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
J.R.V.A. DIJSSELBLOEM

⁽¹⁾ ĠUL 229, 17.8.1991, p. 3.

⁽²⁾ ĠUL 156, 29.5.1998, p. 3.

⁽³⁾ ĠUL 156, 29.5.1998, p. 108.

⁽⁴⁾ ĠUL 191, 7.7.1998, p. 53.

⁽⁵⁾ ĠU C 373, 10.11.2015, p. 289.